Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 421/2015

Il-Pulizija

vs

Joseph Caruana

Illum,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Caruana, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 78677(M) akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn 6 ta' Ottubru 2008 sa 2 ta' Frar 2015, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Rose Ann Caruana u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bill-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 -il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Settembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu tlett xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Caruana minnu pprezentat fis-7 ta' Ottubru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkancella is-sentenza appellata u tilliberah minn l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu jew b'mod alternativ tvarja s-sentenza appellanta billi tikkonfermaha f'dik il-parti li sabet htija pero thassara f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflokk tikkundanah ghal-piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Ghajr ghax-xhur minn Settembru 2014 sax-xahar ta' Frar 2015, l-azzjoni kriminali kienet wahda preskritta u l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt legalment issib htija fl-appellant;

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti li huwa ma seta' qatt jinstab hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u dan peress li martu qatt ma kienet talbitu l-manteniment. Fil-fatt huwa kien irrinuzja ghad-drittijiet riservati lilu fuq il-kuntratt tasseparazzjoni. Ma hiex verzjoni kredibli li martu pprezentat lill-Qorti meta qalet li ma kien veru xejn li kien hemm xi tip ta' ftiehem bejn il-partijiet. Mara b'zewg it-tfal ma tistenniex seba' snin sabiex tirraporta lil ragel taghha ghal manteniment jekk ma jkun hemm xi tip ta' arrangament;

Illi jekk fic-cirkostanzi din l-Onorabbli Qorti thoss li l-appellant kellu jinstab hati, allura l-appellant jitlob li l-piena inflitta fuqu ghandha tigi mitigata u dan minhabba l-istess cirkustanzi hawn fuq imsemmija. Dan qieghed jigi sottomess stante li piena ta' prigunerija fic-cirkostanzi hija wahda harxa u esagerata;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tal-lum jirrizulta illi l-partijiet irrisolvew il-pendenz tal-manteniment mertu ta' dawn il-proceduri;

Illi ghalkemm il-htija tirrizulta xortawahda  hemm lok ghal-varjazzjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza, tikkonfermaha fejn l-appellant gie misjub hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tvarja l-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap. 446, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Din il-Qorti spjegat lill-appellant, a tenur ta' l-artikolu 22(3) tal-Kap. 446, bi kliem li jiftiehem sewwa li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

IMHALLEF